Minuti tal-Laqgħa Nru. 26 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar it-Tlieta, 9 t' Awwissu 2016 fil-5.30 p.m.

| **Preżenti:** | il-Membri |
|---|---|
| Sindku/Chairman | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Ralph Mangion<br>Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona<br>Is-Sra. Graziella Schembri |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Segretarju Eżekuttiv
3. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm items taħt dan is-suġġett

## 2.0 SEGRETARJU EŻEKUTTIV

2.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill Lokali kien segwa l-istruzzjonijiet li kienu ingħataw mid-Dipartiment fejn kellu jinħatar Bord ġdid magħmul minn Kunsilliera ġodda u ġew mgħajta l-kandidati kollha.

2.2 Is-Segretarju ikkonferma li huwa kien ta l-formoli meħtieġa lill-membri tal-Bord fejn ġew iffirmati u tlestew biex jiġi sottomessi lid-Dipartiment. Huwa qal li din id-darba huwa kien Segretarju tal-Bord ukoll u kkonferma li l-membri kollha kienu differenti mill-ewwel Bord. Dan kien kompost mill-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Galea u Cardona.

2.3 Is-Segretarju semma li l-kandidati kollha ġew imsejħa fejn kien hemm persuna waħda li infurmat li kienet ġiet magħażula għal Segretarju Eżekuttiv qabel l-intervisti u tnejn minhom ma kinux attendew għall dakinhar.

2.4 Is-Segretarju semma li l-membri tal-Bord preżenti taw il-marki indipendentament minn xulxin u huwa ħadem l-average minn tat-tlieta imsemmija hawn fuq. Is-Segretarju qara kif ġew il-marki u l-pożizzjonijiet fejn din id-darba reġa ingħata l-ogħla perċentwal is-Sur. Anthony Attard li fil-preżent huwa Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi.

2.5 Il-Kunsillier Hewitt qal li huwa ma kellux problema li dan ikun Segretarju għall Kunsill Lokali tal-Ġżira. Is-Sindku semma li bħala membri tal-Kunsill kienu ta din il-fehma imma l-Kunsill kien irevoka din id-deċiżjoni fuq struzzjonijiet li ġew mogħtija.

2.6 Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera jekk kienx hemm xi ħadd li xtaq li jissuġġerrixxi mod ieħor għad deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Kunsilliera kollha preżenti esprimew li huma jaqblu li s-Sur. Attard jinħatar Segretarju Eżekuttiv għall Kunsill Lokali tal-Gżira.

2.7 Is-Sindku semma li għalhekk issa se jibgħat ittra tal-ħatra uffiċċjali lill-Ministru.

## 3.0 AĠĠORNAMENT

Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-6.45 p.m.

Konfermati llum ________________________ 2016

____________________ ________________________

Conrad Borg Manché Michael Portelli

Sindku Aġent Segretarju Eżekuttiv